

Brussell, 29 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10375/17

PV/CONS 35
SOC 485
EMPL 372
SAN 251
CONSOM 263

ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: It-**3548** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
(**Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa** u Affarijiet tal-Konsumatur),
li saret fil-Lussemburgu fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2017

WERREJ

Paġna

| | |
|------------------------------|---|
| 1. Adozzjoni tal-aġenda..... | 4 |
|------------------------------|---|

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

| | |
|---|---|
| 2. Semestru Ewropew 2017..... | 4 |
| a) Abbozz ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2017 lil kull Stat Membru u Abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni | |
| b) Valutazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2017 u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2016 | |
| c) Opinjoni tal-EMCO dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol | |
| 3. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġiji "nagħmlu x-xogħol irodd"..... | 5 |
| 4. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh - il-politiki tal-UE għamli differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ"..... | 5 |

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

| | |
|---|---|
| 5. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (it-tieni pakkett) [L-ewwel qari]..... | 6 |
| 6. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieġ ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [L-ewwel qari]..... | 6 |
| 7. Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali..... | 6 |
| 8. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati [L-ewwel qari]..... | 7 |
| 9. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 [L-ewwel qari]..... | 7 |

10. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi [L-ewwel qari] 7

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

11. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali..... 8
12. Affarijiet oħra 8
- a) Fond Soċjali Ewropew
 - b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

SAĦĦA

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

13. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jikkontribwixxu għat-twaqqif fiż-żieda tal-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal 8
14. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inkoraġġiment tal-kooperazzjoni volontarja mmexxija mill-Istati Membri bejn is-sistemi tas-saħħa 9
15. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: Aspetti tas-saħħa u implikazzjonijiet..... 9
16. Affarijiet oħra 9
- a) Riżultati tal-workshop "Infittxu sħubiji ġodda għal azzjoni tal-UE dwar il-vaċċinazzjoni" (Brussell, 31 ta' Mejju 2017)
 - b) Simpożju dwar is-Saħħa, Forum Ewropew ta' Alpbach 2017 (20 – 22 ta' Awwissu 2017)
 - c) Diskussjoni madwar mejda għall-Ministri għas-Saħħa Ewropej u l-Kapijiet ta' kumpaniji farmaċewtiċi (Malta, 9 ta' Mejju 2017)
 - d) Inħaffu tmiem l-AIDS fl-UE – interventi prattiċi bbażati fuq l-evidenza – Konferenza tal-HIV organizzata b'kollaborazzjoni mal-ECDC (Malta, 30 – 31 ta' Jannar 2017)
 - e) Prodotti farmaċewtiċi fl-ambjent
 - f) Implimentazzjoni tal-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2014/40/UE – Sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk
 - g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

- ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 11

*

* *

1. Adozzjoni tal-aġenda

10121/17 OJ CONS 35 SOC 469 EMPL 359 SAN 246 CONSOM 250

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill għall-punti minn 2 sa 4)

2. Semestru Ewropew 2017

= Dibattitu ta' orjentazzjoni

9589/17 SOC 426 EMPL 331 ECOFIN 448 EDUC 256

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs), iggwidat minn mistoqsijiet li jinsabu fin-nota tal-Presidenza (9589/17). Il-Ministri rrikonoxxew li l-UE issa tinsab fuq rotta stabbli ta' rkupru, iżda jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi biex jinżamm it-tkabbir ekonomiku, u speċjalment biex ikun żgurat li dan it-tkabbir ikun inklużiv u ekwu. L-attenzjoni akbar tas-CSRs għall-kwistjonijiet soċjali u dawk marbutin mal-impjieg intlaqgħet tajjeb. Fir-rigward ta' kwistjonijiet proċedurali, il-Ministri evalwaw b'mod pożittiv li l-Kummissjoni kkonsultat l-Istati Membri dwar ir-Rapporti tal-Pajjiżi tagħhom qabel il-pubblikazzjoni, u kien hemm ukoll sejħiet għal estensjoni tat-tul ta' żmien tal-iskrutinju tas-CSRs.

a) Abbozz ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2017 lil kull Stat Membru u Abbozz ta' nota ta' spjegazzjoni

= Approvazzjoni

9261/17 ECOFIN 389 UEM 138 SOC 368 EMPL 283 COMPET 384 ENV 484
EDUC 212 RECH 168 ENER 208 JAI 461

9281/1/17 ECOFIN 390 UEM 139 SOC 369 EMPL 284 COMPET 387 ENV 486
EDUC 214 RECH 170 ENER 209 JAI 467 REV 1

9574/17 ECOFIN 447 UEM 175 SOC 424 EMPL 330 COMPET 438 ENV 536
EDUC 255 RECH 207 ENER 249 JAI 532

9564/17 ECOFIN 446 UEM 174 SOC 422 EMPL 329 COMPET 437 ENV 535
EDUC 254 RECH 206 ENER 248 JAI 528

Il-Kunsill approva l-aspetti relatati mal-impjiegi u l-politika soċjali tar-rakkomandazzjonijiet (elenkati fi 9281/1/17 REV 1) u d-dokument ta' spjegazzjoni li jakkumpanjahom (9564/17).

b) **Valutazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2017 u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2016**

= Approvazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC)
9653/17 SOC 437 EMPL 341 EDUC 268

Il-Kunsill approva l-opinjoni tal-EMCO u l-SPC li jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

c) **Opinjoni tal-EMCO dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol**

= Approvazzjoni
9258/17 SOC 365 EMPL 280 JAI 458
+ COR 1

Il-Kunsill approva l-opinjoni tal-EMCO li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

3. **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġiji "nagħmlu x-xogħol irodd"**

= Adozzjoni
9647/1/17 SOC 435 EMPL 339 EDUC 267 ECOFIN 458 REV 1

Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 10452/17.

4. **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh - il-politiki tal-UE għamlu differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ"**

= Adozzjoni
9613/17 SOC 428 EMPL 333 ECOFIN 451 EDUC 258 JEUN 74 REGIO 61
FIN 323

Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 10379/17.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika skont l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (it-tieni pakkett) [L-ewwel qari]**

Fajl Interistituzzjonali: 2017/0004 (COD)

= Approċċ ġenerali

9926/17 SOC 460 EMPL 355 SAN 230 IA 97 CODEC 973

+ ADD 1

+ ADD 2

5251/17 SOC 12 EMPL 8 SAN 24 IA 4 CODEC 32

+ ADD 1

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar it-test li jinsab fid-dok. 10438/17. Filwaqt li l-ebda Stat Membru ma oppona l-approċċ ġenerali, UK astjeniet, u IT, RO u HU esprimew tħassib dwar aspekk tat-test li jinsab fi 9926/17.

6. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [L-ewwel qari]**

Fajl Interistituzzjonali: 2016/0070 (COD)

= Rapport ta' progress

9882/17 SOC 456 EMPL 352 MI 472 COMPET 472 CODEC 966 JUSTCIV 136

6987/16 SOC 144 EMPL 97 MI 142 COMPET 118 CODEC 279

+ COR 1

Il-Kunsill ħa nota tar-Rapport ta' Progress kif jinsab fid-dok. 9882/17.

7. **Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali**

Fajl Interistituzzjonali: 2008/0140 (CNS)

= Rapport ta' progress

9481/17 SOC 413 ANTIDISCRIM 27 JAI 520 MI 437 FREMP 66

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dok. 9481/17.

8. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati [L-ewwel qari]**

(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 157.3 TFUE)

Fajl Interistituzzjonali: 2012/0299 (COD)

= Rapport ta' progress

9496/17 SOC 415 GENDER 13 ECOFIN 440 DRS 36 CODEC 882

16433/12 SOC 943 COMPET 708 DRS 130 CODEC 2724

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dok. 9496/17.

9. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 [L-ewwel qari]**

Fajl Interistituzzjonali: 2016/0397 (COD)

= Rapport ta' progress

9524/17 SOC 420 EMPL 327 CODEC 891

15642/16 SOC 812 EMPL 549 CODEC 1910

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dok. 9524/17.

10. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi [L-ewwel qari]**

Fajl Interistituzzjonali: 2015/0278 (COD)

= Rapport ta' progress

9823/17 SOC 447 MI 465 ANTIDISCRIM 30 AUDIO 79 CODEC 944

14799/15 SOC 700 MI 770 ANTIDISCRIM 15 AUDIO 34 CODEC 1774

+ REV 1 (lt)

+ COR 1

+ COR 2

+ ADD 1

+ ADD 1 COR 1

+ ADD 2

+ ADD 2 COR1

+ ADD 3

+ ADD 3 COR 1

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dok. 9823/17.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

11. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

- = Rapport mill-Presidenza
- = Approvazzjoni tal-opinjoni konġunta tal-SPC u l-EMCO
(*Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill*)
9498/17 SOC 416 EMPL 324 EDUC 249 SAN 208 ECOFIN 441

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar id-diskussjoni informali dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Il-Kunsill approva b'mod ġenerali l-opinjoni konġunta tal-EMCO u l-SPC li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

12. Affarijiet oħra

a) Fond Soċjali Ewropew

- = Informazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

- = Informazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Estonjana.

SAĦĦA

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

(*Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill għall-punti 13 sa 15*)

13. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jikkontribwixxu għat-twaqqif fiż-żieda tal-piż żejjed u l-obeżità fit-tfal

- = Adozzjoni
9977/17 SAN 234 AUDIO 85

Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet li jikkontribwixxu biex jieqfu j iżiedu l-piż żejjed u l-obeżità fit-tfulija kif jinsabu fl-Anness għal 9977/17. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jippubblika l-Konklużjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

14. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inkoraġġiment tal-kooperazzjoni volontarja mmexxija mill-Istati Membri bejn is-sistemi tas-saħħa

= Adozzjoni
9978/1/17 SAN 235 REV 1
+ REV 1 COR 1
+ REV 1 ADD 1

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni volontarja mmexxija mill-Istati Membri bejn is-sistemi tas-saħħa, kif jinsabu fl-Anness għal 9978/1/17 REV1. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jippubblika l-Konklużjonijiet f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-Delegazzjoni Ġermaniża ppreżentat dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill li tinsab fl-addendum għad-dok. 9978/1/17 REV 1.

15. Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali: Aspetti tas-saħħa u implikazzjonijiet

= Skambju ta' fehmiet
9979/17 SAN 236 SOC 463
+ COR 1

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti tas-saħħa u l-implikazzjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, abbażi tal-mistoqsijiet tal-Presidenza li jinsabu fi 9979/17.

16. Affarijiet oħra

a) Riżultati tal-workshop "Infittxu sħubiji ġodda għal azzjoni tal-UE dwar il-vaċċinazzjoni" (Brussell, 31 ta' Mejju 2017)

= Informazzjoni mill-Kummissjoni
10004/17 SAN 240 PHARM 26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u tar-rimarki mid-delegazzjoni IT.

b) Simpożju dwar is-Saħħa, Forum Ewropew ta' Alpbach 2017 (20 – 22 ta' Awwissu 2017)

= Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka
9636/17 SAN 217

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka u tal-kummenti mill-Kummissjoni.

c) **Diskussjoni madwar mejda għall-Ministri għas-Saħħa Ewropej u l-Kapijiet ta' kumpaniji farmaċewtiċi (Malta, 9 ta' Mejju 2017)**

= Informazzjoni mill-Presidenza
9996/17 PHARM 25 SAN 238 COMPET 478 MI 481

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza Maltija u tal-kummenti mid-delegazzjonijiet IE, IT, CY u NL u mill-Kummissjoni.

d) **Inħaffu tmiem l-AIDS fl-UE – interventi prattiċi bbażati fuq l-evidenza – Konferenza tal-HIV organizzata b'kollaborazzjoni mal-ECDC (Malta, 30 – 31 ta' Jannar 2017)**

= Informazzjoni mill-Presidenza
10100/17 SAN 244

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza Maltija u tal-kummenti mill-Kummissjoni.

e) **Prodotti farmaċewtiċi fl-ambjent**

= Informazzjoni mill-Kummissjoni, mitluba mid-delegazzjoni Żvediża
9737/17 PHARM 24 SAN 223 ENV 550
+ COR 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, fuq talba tad-delegazzjoni Żvediża u tal-kummenti mid-delegazzjonijiet BE, DK, FI u UK.

f) **Implimentazzjoni tal-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2014/40/UE – Sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk**

= Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża
9998/17 SAN 239 MI 479 COMPET 477 FISC 125

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża, tal-kummenti mid-delegazzjonijiet BE, CZ, DK, DE, HR, IT, LT, HU, PL u SK u mill-Kummissjoni.

g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**

= Informazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni verbali mogħtija mill-Presidenza Estonjana li jmiss, kif ukoll tal-kummenti mill-Kummissjoni.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

**Rigward il-punt
"B" nru 14:**

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Inkoraġġiment tal-kooperazzjoni volontarja mmexxija mill-Istati Membri bejn is-sistemi tas-saħħa Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tilqa' bi pjaċir il-kooperazzjoni volontarja tal-Istati Membri, anke fil-qasam tas-saħħa, sabiex jiġu solvuti problemi li għalihom ma jistgħux isibu soluzzjonijiet waħedhom jew li għalihom il-kooperazzjoni tista' twassal għal soluzzjonijiet aħjar. Il-Ġermanja hija miftuħa għal tali kooperazzjoni.

Il-Ġermanja tqis l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill bħala dokument li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri u jħares, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom li jikkoordinaw il-politiki u l-programmi tagħhom dwar il-kura tas-saħħa skont l-Artikolu 168(7) TFUE ("*L-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.*"). Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa, kif imsemmi fl-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, hija biss fuq bażi volontarja.

Il-Ġermanja tqis li l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill huwa appell lil dawk l-Istati Membri li jixtiequ jkollhom kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib ma' Stati Membri oħra fuq bażi volontarja u abbażi ta' kooperazzjoni intergovernattiva. Il-flessibbiltà biex tissawwar il-kooperazzjoni volontarja fl-istadji kollha hija r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri li volontarjament jorganizzaw lilhom infushom. Fir-rigward tal-istruttura u l-kontenuti, dan ifisser li l-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni jitħallew f'idejn is-sħab individwali fil-kooperazzjoni. M'hemmx livell oġġla ta' koordinazzjoni tal-attivitajiet, partikolarment mill-Kummissjoni. Ftehimiet milħuqa fl-ambitu ta' tali kooperazzjoni u r-riżultati tad-diskussjonijiet jorbtu biss lil dawk l-Istati Membri li jikkooperaw fuq bażi volontarja. M'hemm l-ebda involviment tal-istrutturi Ewropej għajr ir-responsabbiltajiet previsti fit-trattati Ewropej.

Fir-rigward ta' skambju ta' esperjenza orjentat lejn il-miri, il-fora rilevanti tas-saħħa li jippermettu skambju siewi għall-Istati Membri, fl-ambitu tal-kooperazzjoni volontarja, għandhom ikunu magħmula minn esperti f'dixxiplini rilevanti.

Filwaqt li tippreżenta l-kummenti ta' kjarifika ta' hawn fuq, il-Ġermanja tappoġġa l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill."